# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn 26 ta' Mejju 2025

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 48/2022 ISB**

**Besedka Software & Services Limited**

**Vs**

**X**

**Dan huwa provvediment finali li permezz tiegħu (a) jiġi deċiż ir-rikors tar-Riċevitur Uffiċjali tas-7 ta' Frar 2025 sabiex ikun stabbilit l-ammont ta' remunerazzjoni tiegħu u (b) sabiex l-affarijiet tal-kumpanija Besedka Software & Services Limited (C 65064) ikunu stralċjati għal kollox ai termini tal-Artikolu 264 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta**

**Il-Qorti,**

Rat il-provvediment li permezz tiegħu l-kumpanija **Besedka Software & Services Limited (C 65064)** kienet dikjarata xjolta minn din il-Qorti fis-6 ta' Marzu 2023 u dan b'effett mit-3 ta' Marzu 2022, u fejn kien ordnat l-istralċ tagħha.

Rat l-atti kollha tal-proċediment ta` stralċ, inklużi l-verbali tal-udjenzi kollha li saru, l-informazzjoni mgħoddija minn żmien għal żmien mir-riċevitur uffiċjali kif evidenzjat mill-verbali tas-seduti miżmuma u kif ukoll mir-rapporti preliminari minnu mħejjija u ppreżentati.

Rat l-aħħar rapport minnu mħejji, kif ukoll il-verbal tal-udjenza tas-7 ta' Frar 2025, minn fejn jirriżulta illi l-kumpanija m'għandhiex attiv biżżejjed biex jagħmel tajjeb għal passiv tagħha.

Tiddikjara ruħha sodisfatta li l-istralċjarju osserva l-ħtigijiet kollha skont il-Kap 386 tal-Liġijiet ta`Malta.

Tqis illi r-Riċevitur Uffiċjali, bħala stralċjarju tal-kumpanija xjolta **Besedka Software & Services Limited (C 65064)**, ressaq rikors fis-7 ta' Frar 2025, li permezz tiegħu talab, wara li ta rendikont tax-xogħol minnu mwettaq, sabiex jiġi ffissat ammont li għandu jitħallas lill-istralċarju bħala spejjeż u remunerazzjoni dovuti lilu u fejn talab li tali spejjeż u remunerazzjoni jiġu mħallsa mill-kumpanija **Besedka Software & Services Limited (C 65064)**.

Tqis illi huwa kompitu ta' din il-Qorti li tistabilixxi r-rimunerazzjoni ta` stralċjarju.

Tqis li sar minn kollox min-naħa tal-istralċarju sabiex jaqdi tajjeb il-funzjonijiet u l-inkarigu tiegħu skont il-liġi.

Tqis illi ma hemm xejn aktar raġjonevolment x'isir u b'hekk jista' jingħata l-provvediment finali.

Tqis li l-affarijiet tal-kumpanija huma stralċjati.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, għar-ragunijiet hawn fuq premessi u billi kienu mħarsa l-ħtigijiet kollha tal-liġi, qed tgħaddi biex:

1. **Tistabilixxi** l-ammont ta` **elf u ħames mitt Ewro (€1,500)** bħala rimunerazzjoni tal-uffiċju tar-Riċevitur Uffiċjali, liema ammont jikkomprendi kwalsiasi spejjeż li nkorra għall-fini tal-esekuzzjoni tal-inkarigu tiegħu u t-taxxa fuq il-valur miżjud jekk applikabbli iżda ma jikkomprendix drittijiet tar-Riċevitur Uffiċjali illi r-Reġistratur tal-Qorti għad irid jistabilixxi a favur tiegħu fi tmiem dawn il-proċeduri skont it-taxxa tal-Qorti, liema  drittijiet jitħallsu separatament.

2. **Tordna** li r-rimunerazzjoni u d-drittijiet tal-istralċjarju kif hawn fuq deċiż għandhom jitħallsu mill-kumpanija **Besedka Software & Services Limited (C 65064)** billi jitnaqqsu mill-attiv tal-kumpanija illi l-istralċarju għandu f'idejh.

3. **Tapprova** l-pjan ta' gradwazzjoni tad-djun tal-kumpanija **Besedka Software & Services Limited (C 65064)** kif dikjarat fin-nota tar-Riċevitur Uffiċjali tas-7 ta' Frar 2025.

4. **Teħles** lill-istralċjarju mill-ħatra tiegħu.

5. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex minnufih jikkonsenja lir-Reġistratur tal-Kumpanniji avviz tal-ħelsien tal-istralċjarju mill-ħatra tiegħu.

6. **Tordna** li l-isem tal-kumpanija **Besedka Software & Services Limited (C 65064)** jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpanniji b`effett mil-lum.

7. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien sebat ijiem mil-lum jibgħat lir-Reġistratur tal-Kumpanniji l-ordni ta` tħassir tal-kumpanija **Besedka Software & Services Limited (C 65064)**.

8. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex iħares dik l-ordni.

9. **Tordna**, mingħajr preġudizzju għal dak ġja deċiż hawn aktar il-fuq, illi l-ispejjeż u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż kollha tal-istralċ kompriżi l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju, għandhom jitħallsu mill-kumpanija intimata in linea ma' dak ġja deċiż bil-provvediment ta' din il-Qorti tas-6 ta' Marzu 2023 u dan billi jitnaqqsu mill-attiv tal-kumpanija illi l-istralċarju għandu f'idejh.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**